MALTA RESOURCES AUTHORITY

## STQARRIJA MILL-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI

### L-iskema tal-lampi *energy saving*

L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (MRA) tirreferi għall-iskema tal-lampi *energy saving* li tnediet mill-Gvern. Wara medjazzjoni mill-MRA, l-Awtorità tinnota b'sodisfazzjon li ntlaħaq ftehim bejn l-importaturi ta' lampi li kienu nvoluti f'numru ta' azzjonijiet legali li ttieħdu fil-ġimgħat li għaddew.

Dan il-ftehim wassal biex il-partijiet kollha fil-kwistjoni waqqfu l-azzjonijiet legali kollha pendenti u b'hekk l-iskema issa tista' tkompli kif orġinarjament ippjanat. L-MRA tappella lil kull min għad għandu *vouchers* ta' din l-iskema biex isarrafhom sal-31 ta' Ottubru 2009, il-jum li fih tagħlaq l-iskema. Il-*vouchers* jissarrfu skont istruzzjonijiet li hemm imniżżla fil-*voucher* stess u jintitolaw lill-benefiċjarju għal għażla ta' lampi kif approvati mill-MRA.

L-MRA tfakkar ukoll li bħalissa għadu għaddej ukoll il-proċess li jintbagħtu vouchers lil min għal xi raġuni ma rċeviehx jew lil min irċieva allokazzjoni ta' lampi anqas minn dak li kien eliġibbli għalihom. Filwaqt li tapoloġizza għal kull inkonvenjent ikkawżat, l-MRA tibqa' impenjata li tara li din l-iskema tilħaq l-għanijiet kollha tagħha.

F'każ ta' diffikultà wieħed għandu jċempel fuq il-freephone 8007 2212.

7 ta' Ottubru 2009

MRA/PR 12/09

*Malta Resources Authority, Millennia, Aldo Moro Road, Marsa MRS 9065, Malta.*
*Tel: +356 21220619; Fax: +356 22955200 E-mail: enquiry@mra.org.mt*